22002D0172

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 172/2002

tas-6 ta' Diċembru 2002

li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol, u t-trattament ugwali għal l-irġiel u n-nisa) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emend mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVIII tal-Ftehim kien emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 89/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi struttura ġenerali sabiex tinforma u tikkonsulta lil ħaddiema fil-Komunità Ewropea ([2]) għandha tiġi nkorporata ġol-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara punt 32e (id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE) t'L-Anness XVIII tal-Ftehim:

"32f. **32002 L 0014**: Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi struttura ġenerali sabiex tinforma u tikkonsulta lil ħaddiema fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, tat-23.3.2002, p. 29)."

Artikolu 2

It-testijiet tad-Direttiva 2002/14/KE bil-lingwi Islandiċi u Norveġiċi, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2002, bil-kondizzjoni li n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lil Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 266, tat-3.10.2002, p. 61.
([2]) ĠU L 80, tat-23.3.2002, p. 29.
(*) Il-kondizzjonijiet kostituzzjonali meħtieġa indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-, u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-, *Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kjartan JÓHANNSSON